MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Numru 397/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**
**SPETTUR JOHN FENECH**

**VS**

**EUSEBIO BUSUTTIL**
**RODNEY VELLA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Eusebio Busuttil ta’ 36 sena, iben Gaetano u Carmela nee’ Zahra, imwieled il-Hamrun nhar is-26 ta’ Lulju, 1967, u joqghod 50, Triq Atocia, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita’ numru 352167 (M) ;

U Rodney Vella ta’ 24 sena, bin Nazzareno u Antoinette nee’ Scicluna, imwieled Tal-Pieta, nhar it-8 ta’ Awissu,

1979, u joqghod fil-fond numru 8, Bini tal-Gvern, Blk 3, Entrance B, Triq is-Salvatur, Kalkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 370079 (M);

U takkuzahom talli nhar it-22 ta' Mejju, 2004, ghall-habta ta' 12.30pm., miz-Zejtun ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) sar ghad-dannu ta' Paul Polidano miz-Zejtun;

U aktar talli nhar it-22 ta' Mejju, 2004, u fil-jiem ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe' il-flus imsemmija hawn fuq, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Lil Eusebio Busuttil wahdu talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 11 ta' Mejju, 1992; 24 ta' Marzu, 1993; 14 ta' Lulju, 1995; 24 ta' Gunju, 1999 u 18 ta' Marzu, 2004 kif ukoll b'sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali datati 19 ta' Frar, 1990 u 23 ta' Mejju, 2001, liema sentenzi saru lkoll definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Lil Rodney Vella wahdu talli rrenda ruhu recediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 7 ta' Dicembru, 1999; 22 ta' Marzu, 2000; 11 ta' Dicembru, 2001 u 6 ta' Frar, 2004 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

U aktar talli bi ksur tal-*Probation a tenur* tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 (illum Artikolu 7 tal-Kap 446), fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 27 ta' Frar, 2003 u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mill-Qorti tal-Magistrati datata 28 ta' Ottubru, 2002.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

F'dan il-kaz hawn zewg imputati akkuzati b'serq minn go pompa tal-petrol. Il-kaz gara billi l-imputati marru fil-pompa tal-petrol *Polidano Service Station* fi Triq il-Barrani, Zejtun, permezz ta' vettura *Peugeout* misruqa mill-imputat Rodney Vella. It-tnejn nizlu mill-vettura flimkien, Vella mar isaqsi ghal *spare part* ghand wiehed mill-impjegati ta' mal-pompa u Busuttil mar fuq in-naha ta' wara tal-*garage* isaqsi ghal *spare part* ohra. Vella seraq madwar Lm120.00 (mija u ghoxrin lira Maltin) mill-*cash*, u t-tnejn telqu minn hemm flimkien. Dawn il-fatti m'humiex ikkontestati.

Fil-konfront ta' Rodney Vella, ftit hemm wiehed xi jghid. Dan ammetta mal-ewwel mal-Pulizija. Radd parti mir-*res furtiva* lura lid-derubati, ikkopera mal-istess pulizija, u ghalkemm ma ammettix fl-atti tal-kawza, il-provi fil-konfront tieghu huma cari u ghalhekk qieghed jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti.

Fil-konfront tal-imputat l-iehor, Eusebio Busustil, il-provi huma aktar cirkostanzjali. Jirrizulta li z-zewg imputati, nhar l-incident, marru l-pompa tal-petrol tad-derubat. Vella dahal jistaqsi ghal *part* ta' vettura *Peugeout*, mentri Busustil dahal f'*garage* iehor fl-istess pompa, fejn staqsa ghal fanal ta' vettura *Datsun.* Jidher ghalhekk li z-zewg imputati kellhom xi forma ta' pjan f'mohhhom. Dan jirrizulta b'mod aktar car meta Busuttil gie interrogat mill-pulizjia. Fl-istqarrija tieghu, hu jghid li nizel jistaqsi ghal fanal ta' vettura *Datsun.* Din il-*part*, skond hu, kellu bzonnha siehbu Vella. Meta mistoqsi ghalfejn Vella ma staqsiex ghaliha hu, dan wiegeb ghax it-tnejn li huma nizlu mill-karozza. Aktar minn hekk, meta mistqosi ghalfejn talab ghal *part* ta' vettura *Datsun* ghal Vella, meta Vella kellu vettura *Peugeot*, Busuttil wiegeb li dak il-hin ma tax kaz.

Jirrizulta ghalhekk li l-imputat Busuttil kien prezenti waqt is-serqa, u l-presenza tieghu fil-lok tal-incident ma gietx

spjegata jew gustifikata sufficentement minnu. Anzi, il-Qorti hi konvinta li Busuttil mar staqsa ghal dik il-*part* tal-vettura *Datsun* sabiex jiddevja l-attenzjoni ghal fuqu mill-imputat l-iehor. Ma hemm l-ebda raguni ohra li z-zewg imputati t-tnejn waslu flimkien f'vettura wahda, nizlu t-tnejn mill-vettura, marru f'bnadi differenti fil-pompa tal-petrol u telqu minn hemm it-tnejn flimkien, ghajr li t-tnejn kellhom il-hsieb li jwettqu serqa, haga li fil-fatt ghamlu. Ghalhekk il-Qorti qieghda ssib htija fih ukoll.

Ghar-rigward ta' piena, il-fedina penali taz-zewg imputati ma tawgura xejn tajjeb. Jidher li diga' inghataw diversi opportunitajiet li, ghal xi raguni, ma ttiehdux mill-imputati. Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma fadlilha ebda alternattiva hlief li tikkunsidra piena ta' prigunerija, kif fil-fatt serja taghmel.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 267, 279, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Eusebio Busuttil u Rodney Vella hatja tal-akkuzi kif dedotti, u tikkundannhom ghal perjodu ta' prigunerija ta' sentejn (2) li minnhom ghandhom jitnaqqsu l-perjodi rispettivi li l-imputati ghamlu taht arrest preventiv.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Diretttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-imputati dawk il-facilitajiet kollha necessarji sabiex huma jkunu jistghu jibdew programm ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------